# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa

**Minuti**

**L-Għaxar Leġislatura**

**Laqgħa numru 13**
**5.00p.m 19 ta' Frar 2025**

**Preżenti**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Luke Farrugia | Sindku. |
| Is-Sinjura Gloria Aquilina | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Meilak | Kunsillier |
| Is-Sur Domenic Spencer | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Cachia | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija**
Il-Viċi Sindku Josef Azzopardi informa li ma setgħax jattendi għal laqgħa.
Is-Sur Joe Scerri informa li ma setgħax jattendi minħabba xogħol ta' natura urġenti.
**Assenti**

Ħadt

**Uffiċċjal Preżenti**

Mariella Strout - Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Is-sindku Luke Farrugia fetaħ il-laqgħa fil-ħamsa ta' fil-għaxija.**

**13.1 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

**13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Is-Sindku ressaq il-Minuti ta' numru tnax (12) il-laqgħa tal-Kunsill għal din il-leġislatura, li ġew iċ-ċirkolati minn qabel. Għaldaqstant il-minuti ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

13.2.1 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku u s-sekondat mil-Kunsillier Gloria Aquilina, il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu l-Minuti msemmija.

**13.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

**13.3.1 Rikjest Linji sofor -Triq Antonio Doublet**

Is-Sindku nforma li l-Kunsill irċieva email mingħand residenta fejn talbet li jsiru xi tibdiliet fuq il-linji sofor li hemm fi Triq Antonio Doublet. Dan minħabba li l-karozzi qed jipparkjaw fuq il-bankina u jagħlqu l-aċċess. Għalhekk qed titlob li jsiru linji doppji sofor tul it-triq kollha man-naħa tad-djar u jitneħħa dak ta' faċċata.

Il-Kunsill ħa nota ta' dan u se jipproċedi jekk dawn il-linji huma skont ir-regolamenti ta' toroq.

**13.3.2 Skema ta' tħeaddir madwar Malta u Għawdex iffinanzjati minn Project Green**

Project Green qed tistieden lil kull Kunsill biex jidentifika toroq jew żoni mitluqa fejn jista' jsir tħawwil ta' siġar f'toroq arterjali, sekondarji u rurali u fejn jistgħu jitħawwlu siġar b'mod immedjat. L-ispejjeż ser ikunu iffinanzjati minn Project Green u manutenzjoni u tisqija għal perjodu ta' ħames snin. Ir-risposta trid tasal sa nhar il-Ġimgha 21 ta' Frar 2025

Il-Kunsill ħa nota ta' din il-kommunikazzjoni u ser jagħti l-opinjoni tiegħu f'item waqt din il-laqgħa.

**13.3.3 Skemi ta' Finanzjament 2025 (it-Tieni Parti)**

Id-Dipartiment nieda l-ewwel parti tal-pakkett ta' skemi li jinkludu:

- Attivitajiet kulturali Annwali 2025/2026

  (data ta' għeluq 18/03/25)
- Inizjattiva Finanzjarja Lokalitajiet Nodfa 2025

  (data ta' għeluq 22/04/25)
- Espressjoni ta' Interess – Milied 2025

(data ta' għeluq 27/05/05)

Il-Kunsill ħa nota ta' din il-kommunikazzjoni u ser jagħti l-opinjoni tiegħu f'item waqt din il-laqgħa.

**13.3.4 Sports Malta - Pixxina Indoor Cottonera**

Stedina sabiex ir-residenti tal-Lokalita' jagħmlu użu mill-pixxina. Il-programm ser ikun offrut għall-adulti fejn l-ewwel sitt xhur ser ikun bla ħlas, wara kull sezzjoni ser tiswa madwar 20 ewro. It-trasport irid ikun irranġat mill-Kunsill Lokali u r-reġistrazzjonijiet huma miftuħa sa l-aħħar ta' Frar.

Il-Kunsill ikonkluda li huwa nteressat iżda minħabba li ż-żmien kien qasir qed jitolbu sabiex ikun estiż iż-żmien ta' reġistrazzjoni biex b'hekk jkun hemm perjodu sabiex jiġu nfurmati resident.

**13.3.5 Għażla ta' President għal l-iskola tal-Primarja tal-Marsa**

Is-Sindku nforma li Kunsill kien irċeva kommunikazzjoni mingħand il-Kap ta' l-iskola Primarja tal-Marsa sabiex il-Kunsill jinnomina persuna sabiex tokkupa ir-rwol ta' President ta' Kunsill ta' l-iskola. Il-Kap sostniet li għanda tiġi nominata persuna oħra. In-nominazzjoni għanda tintbagħat sa l-Ġimgħa 21ta' Frar 2025. Din l-inizjattiva għanda l-appoġġ tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni.

Il-Kunsillier Dominic Spencer ippropona li Sinjura Kate Bonnici, il-Kunsillier Gloria Aquilina is-sekondat. Il-Kunsill qabel ma nominazzjoni.

**13.3.6 Rikjest għal linji sofor – Triq Simpson u tabella gwida fuq l-iskart**

Is-Sindku nforma li il-Kunsill kellu talbiet mingħand resident rigward bdil ta' linji sofor (doppji) quddiem garaxx sabiex issir singlu.
Isir linji sofor doppji quddiem garaxx fi Triq Simpson faċċata ta' garaxx biex ikun jista' joħroġ il-vettura. Suġġeriment ieħor li għada resident huwa li ssir tabella sabiex ma jintremax skart ħdejn il-Knisja ta' Ċejlu.

Il-Kunsill ħa nota ta' dan u se jipproċedi jekk dawn il-linji huma skont ir-regolamenti ta' toroq, kif ukoll se jipproċedi b'suġġeriment li titpoġġa tabella.

**13.3.7 Laqgħa ma Dipartiment tal- Gvern Lokali.**

Is-Sindku nforma li kienet ser issir laqgħa ma Direttur Generali ta' il-Gvern Lokali, il-Kuntrattur responsabbli mill-ġbir ta' demel ta' żwiemel madwar il-korsa, Diretturi ta' Equidrome u il-Malta Racehorse Club sabiex jiġi diskuss l-implementazzjoni ta' ġbir u rimi ta' demel ta' żwiemel.
Is-Sindku stieden lil Kunsilliera li setgħu jattendu.

**13.3.8 Riklam għal ktieb tal-Festa Parrokkjali Trinita' Qaddisa**

Il-Parroċċa Trinita' Qaddisa toħroġ programm fix-xahar tal-festa għalhekk qed jistaqsu jekk il-Kunsill hux interessat jirreklama full page size A4, bil-kulur għal prezz ta' €300.
Il-Kunsill approva.

**13.3.9 Armar tas- Slaleb fil-Marsa**

Il-Pageant Group qed jinfurmaw lill-Kunsill li ilhom żmien twil jarmaw diversi toroq bis-slaleb fiż-żmien il-Ġimgħa l-Kbira għalhekk qed iħossu li għandhom jiġu trattati bħal għaqdiet oħrajn fil-Marsa. Huma qed jitolbu laqgħa urġenti mall-Kunsill.
Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa mal-Pageant Group

**13.3.10 Xogħolijiet ta' Manutenzjoni Offruti mir-Reġjun**

Ir-Reġjun qed joffri s-servizz mill-ħaddiema tal-manutenzjoni tiegħu. Jekk il-Kunsill ikollu bżonn xi xogħol ta' xkatlar, żebgħa u tikħil fuq ħitan u fuq bankijiet ta' l-injam jagħmel it-talba tiegħu sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa 28 ta' Frar 2025.
Il-Kunsill irringrazzja lil Reġjun Nofsinhar ta' l-għajnuna u ser jindika il-post fejn jista' issiru xogħolijiet .

**13.3.11 Ħinijiet ta' xogħol Deputat Segretarju Eżekuttiv.**

Deputat Segretarju Eżekuttiv għamlet referenza għal korrispondenza li bagħtet lil Kunsill fejn hija spjegat is-siegħat li qed taħdem. Dawn is-siegħat mhux ser jeċċedu it-tletin siegħa fil-ġimgħa li jkopru tasks normali tal-Kunsill iżda ma jinkludux il-kitba ta' rapport amministrattiv.
Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

**13.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**13.4.1** Il-Kunsillier Domenic Spencer talab sabiex issiru tabelli sabiex tingħata direzzjoni ta' postijiet partikolari u jinbidlu dawk it-tabelli li m'għadhomx f'kundizzjoni tajba. Il-Kunsill qabel.

**13.4.2** Il-Kunsilliera Gloria Aquilina staqsiet kif ikunu assenjati il-ħaddiema ta' barra. Is-Sindku spjega li huwa jqassam ix-xogħol ta' barra. Huwa tenna jekk meta jkollhom iktar għodda jkunu jista jagħmlu iktar xogħol ta' manutenzjoni

**13.4.3** Il-Kunsilliera Joseph Cachia staqsa kemm il-darba qiegħed issir il-knis. Is-Sindku qal li suppost qed issir b'modd frekwenti iżda huwa ser jitkellem magħhom għaliex ma hux kuntent kif qed issir ix-xogħol.

**13.5 Rapporti**

**13.5.1 Rapport Finanzjarju Q4 2024**
Is-Sindkut ressaq ir -rapport tal-aħħar kwart tas-sena li għada kif intemmet. Hu talab lil accountant Sur Laurence Manicaro jagħti spjega tiegħu.
Il-Kunsill preżenti approvaw ir-rapport finanzjarju b'mod unanimu

**13.5.2 Rapport Finanzjarju Annwali 2024**
Is-Sindku ressaq il-Financial Statements għas-sena 2024 li ġew iċċirkolati minn qabel il-laqgħa u għaldaqstant ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Hu stieden lill-accountant tal-Kunsill biex jingħaqad magħhom u jagħti spjegazzjoni tar-rapporti tal-għeluq tas-sena finanzjarja 2024.
Il-Kunsill preżenti approvaw ir-rapport finanzjarju b'mod unanimu

**13.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagament**
Is-Sindku ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 02/25 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa. Il-Kunsillier Domenic Spencer staqsa għalfejn inxtara ġenerator iktar għoli min dak li kien approvat. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat li wara ġew ikkonsultati il- persuni responsabbli min xogħolijiet tal-manutenzjoni ikkonfermaw li l-irħas offerta li ma kienx ġenerator li jista' jintuża għax xogħol li hemm bżonn għalhekk inxtara it-tieni wieħed li kien jissodisfa il-kriterji mitluba. Il-Kunsillier Domenic Spencer ta' il-fehma tiegħu dwar din deċiżjoni u tenna li ma kienx jaqbel ma din xelta minħabba li ma kienx hemm bżonn ġenerator dan il-kobor. Il-Kunsillier Domenic Spencer u Kunsillier Gloria Aquilina astjenew min dan il-pagament.

**13.6.1** Wara mozzjoni mressqa min proponent Kunsillier Anthony Meilak u sekondat Kunsillier Joseph Cachia il-kunsill approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti.

**13.7 Item: Triq il-Marsa**
Is-Sindku ressaq proposta sabiex issiru linji ta' parking bays ġodda f'Triq il-Marsa.
Il-Kunsill qabel ma din il-proposta u talb li Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex tagħmel l-applikazzjoni neċessarja.

**13.8 Item: Bankini**

Is-Sindku fakkar li sena ta' qabel kien ġie iffirmat MoU mal-Public Works li permezz tiegħu il-Kunsill jista j'applika sabiex issiru intervent fuq diversi bankini. Għalhekk qed jiġi propost li jsirru il-bankini ta' Pjazza G.F Abela, ( hemm numru ta' sigar li għamlu ħsarat fuq il-bankini) Triq il-Pitkali, Triq il-Kappuċċini, Triq il-Farfet, Triq Assunta, Triq il-Marsa, Triq is-Sebħ, Triq Isouard, Triq Zerafa, Triq is-Salib tal-Marsa (fejn it-Tram Station). Huwa tenna li kien ser jitlob lil Perit sabiex jagħmel il-BoQs neċessarji. Il-Kunsillier Domenic Spencer għamel referenza għas-sigar f'Pjazza G.F Abela c/w Triq Marsa u suggerixxa li Kunsill jikonsulata ma l-ERA sabiex dawn is-sigar jiġu transferiti f'post ieħor fejn l-għeruq tagħhom ma jagħmlux ħsara u minflok jitħawlu oħrajn li jagħmlu inqas ħsara fil-bankini.
Il-Kunsill qabel f'sfond illi xogħolijiet u l-ispejjez relatati ser jiġu kopperti min dipartiment ta' xogħolijiet pubbliċi.

**13.9 Item: Enemed -Spencer Area**

Is-Sindku informa li ġie mitlub mil-Enemed sabiex jiltaqaw mal-Kunsill mill-aktar fiss sabiex jiġi diskuss il-proġett ta' zona Spencer. Huwa ħeġġeġ lil Kunsilliera sabiex ikunu preżenti.

**13.10 Item: Local Greening Programme -**

Is-Sindku għamel referenza għal kommunikazzjoni Skema ta' tħeaddir madwar Malta u Għawdex iffinanzjati minn Project Green. Kunsilliera esprimew il-fehma tagħhom fejn jista jiżdiedu iktar siġar u arbuxelli, fosthom:

| Lokalità | Triq Arterjali | Triq Distributorja/Sekondarja | Triq Rurali | Spazju miftuħ | Ħamrija | Site Plan | Ritratt | Google location |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marsa | | | | Gnien Belveder | Iva | iva | | 35.883841, 14.492100 |
| Marsa | | | | Bandli Juan Mamo | Iva | iva | | 35.882076, 14.490012 |
| Marsa | | | | Gnien 6 t'Awissu | Iva | iva | | 35.884018, 14.495022 |
| Marsa | | | Triq Nerik Sacco near Marija Regina Chu | | Iva/ Le | iva | | 35.882260, 14.487424 |
| Marsa | | Triq is-Salib tal-Marsa / Triq Balbi near Trinity Church | | | Iva/ Le | iva | | 35.883129, 14.494722 |
| Marsa | | Planters around the Locality | | | | | | |

**13.11 Item: Inizjattiva – Kunsill Reġjonali**

Is-Sindku nforma li l-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar qed jinforma lill-Kunsill Lokali li wara l-evalwazzjoni saret mill-bord kompost fuq il-proposta sottomessa minnu, din issa ġiet approvata b'mod uffiċjali. Għaldaqstant il-Kunsill Reġjonali ser ikun qed jalloka s-somma ta' €800 Ewro lill-Kunsill Lokali rispettiv sabiex tkun tista' tittellgħa l-attività' proposta li ssir. Importanti ferm li l-fondi allokati jmorru b'risq l-ispejjeż akkumulati l-avveniment approvat mill-istess Bord. Kif ukoll li kull Kunsill rispettiv isegwi l-linji gwida maħruġa fil-komunikat preċedenti. Wara l-attività' kull Kunsill għandu jibgħat id-dokumentazzjoni uffiċjali li permezz tagħha titolbu rimborż tal-ammont allokat kif ukoll li tippreżentaw l-irċevuti fuq l-ispejjeż akkumulati. Dawn għandhom jintbagħtu fuq l-indirizz elettroniku tar-Reġjun regjun-nofsinhar.dlg@gov.mt sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa 30 ta' Mejju 2025. Kif ukoll li ġentilment iridu jkunu indirizzati lill-President u lis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar rispettivament.

Il-Kunsillier Domenic Spencer ippropona sabiex permezz ta' din l-inizjattiva tista' tinġabar l-informazzjoni ta' l-attivitajiet tal-Ġimgħa Imqaddsa li ser issiru fil- Marsa u jiġu ippublikati fuljett u jintbagħat bil-posta f'kull dar.
Il-Kunsill qabel ma din il-proposta

**13.12 Item: Capacity Building NGOs**
Is-Sindku esprima ixewqa li ssir attivita ta' bl-għan li tissaħħa il-koperazzjoni bejn diversi għaqdiet u kumpaniji fil-lokalita.
Il-Kunsill qabel ma din il-proposta u kien ser jiġi deċiz data u il-post iktar il-quddiem

**13.13 Item: Programm tal-Karnival u spejjez relatati**
Il-Kunsillier Domenic Spencer ppreżenta rendikont ta' l-ispejjeż relatati telgħu sa 17,553 ewro u il-badġit għal din l-attività huwa ta' 20,000 ewro, b'hekk baqa' 2,247ewro li jista' jiġu eżawriti. Huwa tenna kien obbligat li jridu jitqabbdu uffiċjali tal-pulizija u gwardjani lokali sabiex jieħdu ħsieb is-sigurtà ta' nies, u ser itellaw nefqa għalkemm parti minnhom ser ikunu koperti mill skema ta' LESA li mmaniġjat mir-Regjun. Il-Kunsillier spjega li hemm bżonn reklamar ħalli jiġu attirati iktar nies lejn l-attività għalhekk talab kwotazzjonijiet għal riklami mingħand il-PBS li jiswa 1,628.40 ewro, Net 271.29 ewro u One 1300.40 ewro kollox jiswa 3,200.09 ewro.
Il-Kunsill approva li jsiru ir-riklami fuq l-istazzjonijiet kollha.

**13.14 Item: Korsijiet tal-presepji skont li skema 2024**
Il-Kunsillier Domenic Spencer spjega li kif kien ġie deċiż ma l-applikazzjoni ta' l-iskema tal-Milied, fil-ġimgħat li ġejjien ser jibdew il-korsijiet tal-presepji. Huwa tenna li dawn il-korsijiet ser issiru fil-kmamar li kienu jintużaw bħala open center fil-passat. L-ispiza għal dawn il-korsijiet hija ta' madwar 1,500 ewro, il-materjali ser jinxtraw mill-Kunsill u dawk il-persuni li ma humiex mill-Marsa ikun hemm ħlas ta' 50ewro. Il-Kunsillier Domenic Spencer informa li ġie nfurmat li zona tal-open center ser issir proġett sabiex il-quddiem tkun tista' tiġi utilizzat mill-komunità tal-Marsa.

**13.15 Item: Approvazzjoni sabiex il-Kunsill j'applika għal iktar fondi tal-Kultura**
Il-Kunsillier Domenic Spencer qal li ħarġu skemi ġodda mid Divizjoni tal-Gvern Lokali. Huwa informa li f' tendija ta' dawn l-skemi ġie spjegat li il-Kunsilli jistaw j'approvaw li ser ikunu parteċipi f'skemi fuq item wieħed waqt il-laqgħa tal-Kunsill b'hekk ikunu fil-ħin sabiex j'applikaw. Il-Kunsillier tenna li l-kunċett wara din l-applikazzjoni hija li b'dawn il-fondi jinfetaħ post fejn jiġu esebiti il-presepji. Dan ikun l-ewwel mużew ta' dan it-tip f'Malta.

Il-Kunsill approva li j'applika għal l-iskemi kif ukoll japprova l-obbjetiv li jinfetaħ mużew għal presepji.

**13.16 Mozzjonijiet**
Ma kienx hemm

**13.17 Tmiem il-Laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa ntemmet fis-8.00pm u ġiet aġġornata għal Erbgħa 26 ta' Marzu 2025 fl-5.00 pm fil-bini amministrattiv tal-Kunsill.

| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
|---|---|
| Luke Farrugia | Mariella Strout |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |



Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*